KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Hamsa u Disghin (95)***

***It-Tnejn,29 ta' April, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**<u>MINUTI</u>**

F’dan l-istadju, is-Sindku Darren Abela ma kienx prezenti u ghaldaqstant ippresjeda l-laqgħa il-Vici Sindku Emanuel Vassallo.

**<u>95.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji</u>**

95.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta’ apologiji

**95.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;</u>**

95.2.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 94 li nzammet nhar il-Hamis, 4 ta’ April 2019.

95.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 94 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

95.2.4 **Mozzjoni 95-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 94.
Proponent: Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
Il-Minuti Numru 94 gew approvati unanimament.

*F’dan l-istadju tal-Laqgha attenda s-Sindku Darren Abela*

**95.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti</u>**

***A. Skeda ta’ Pagamenti : Numru 95/2019 – April 2019***

95.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 95-2019 biċ-ċekkijiet numru 6475 sa 6522 li tammonta €24,767.88

95.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ukoll ghall-approvazzjoni, pagament ta’ €825 lil Planning Authority ghall-applikazzjoni ta’ zvilupp ta’ Pjazza Santu Rokku.

95.3.3 Tressqet ukoll ghall-approvazzjoni, *invoice* li tammonta ghal €1350 sabiex sar it-tindif fil-ground tal-Kappillan.

95.3.4 **Mozzjoni 95-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 95-2019 bl-ammont ta' €24,767.88 flimkien mal-hlasijiet imsemmija f’materja numru 95.3.2 u 95.3.3
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech
L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 95-2019 giet approvata unanimament.

**95.4 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2018**

*F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill*

95.4.1 L-Accountant tal-Kunsill spjega l-figuri kollha li gew imnizzla fil-Financial Statements 2018 u rrimarka li s-sitwazzjoni finanzjarja hija wahda tajba hafna. L-Awdituri rrimarkaw ukoll li ghandu jsir l-FAR.

95.4.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements 2018. Il-Kunsill qabel unanimament u ghaldaqstant il-Financial Statements 2018 gew ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**95.5 Korrispondenza**

95.5.1 Tressqet korrispondenza dwar permess sabiex titpogga stand Bir id-Deheb biex jinbieghu il-fjuri. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

*Attendew ghal-laqgha is-Sur Zammit u s-Sinjura Abdilla, residenti fl-iSqaq Numru 2, Triq Santa Marija.*

Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni billi stieden lis-Sur Zammit sabiex jressaq l-ilment. Is-Sur Zammit qal li dan l-isqaq ilu jintuza mill-pubbliku ghal snin twal. Huwa semma li hemm kuntrattur li qed iwaqqa' razzett fit-tarf tal-isqaq u qed isostni li se jaghlaq l-ahhar bicca tal-isqaq u se jibniha minhabba li din qed jghid li hija propjeta tieghu. Is-Sindku ikkonferma li skond l-Awtorita tal-Artijiet din il-bicca hija art pubblika.

Il-Kunsillier Keith Fenech qal li f'dan l-istadju l-Kunsill ma jistax joggezzjona l-applikazzjoni ghax applikazzjoni ghad m'hemmx. Peress li kull m'ghad hemm huwa applikazzjoni biex jinfetah dan il-bieb fl-isqaq, il-Kunsill f'dan l-istadju ghandu jibghat li ma jsib ebda oggezzjoni li jinfetah il-bieb peress li l-isqaq jidher li hu pubbliku.

*F'dan l-istadju, Is-Sur Zammit u s-Sinjura Abdilla hargu mill-kamra.*

95.5.2 Tressqet korrispondenza dwar skema ghall-sistema ta' irrigazzjoni. Il-Kunsill qabel li japplika ghas-sistema tal-irrigazzjoni tal-bandli kif ukoll jaghmel Bill of Quantities ghal sistema ta' irrigazzjoni fi Gnien il-Kunsill u jinkludi il-giebja ezistenti li prezentament ma tintuzax.

*95.5.3* Tressqet korrispondenza dwar applikazzjoni numru PA1522/19 sabiex jinbnew garaxxijiet fi Trejqet it-Torri Kalamija. Minhabba li din iz-zona meqjusa bhala ODZ, xi residenti qed jitolbu li bhala Kunsill ghandna noggezzjonaw. Minhabba li fiz-zona diga hemm permessi ohrajn mahruga, il-Kunsill ma jhossx li ghandu joggezzjona izda ghandu jitlob li fil-madwar isir il-*landscaping.* Dwar il-fatt li z-zona hija ODZ, il-Kunsill sostna li ghandha tkun il-PA li tiddeciedi fir-rigward.

95.5.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-harga tal-Parlament ghall-anzjani ghandha ssir fit-23 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel.

**95.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

95.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru *Pellican Lights* f' Tarxien Road. Il-Kunsill qabel li titressaq it-talba lit-TM.

95.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq stima minghand Perit tar-Restawr sabiex isiru x-xoghlijiet fit-Turretta. Din l-ispiza tammonta ghall-€2820.20 VAT inkluza. Il-Kunsill approva din l-istima.

95.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jinzabru s-sigar tac-Cimiterju. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq it-talba lill-Kappillan u wara issir l-applikazzjoni ghaz-zbir.

*Attendew fil-laqgha tal-Kunsill is-sidien tas-St. Philip's Pharmacy*

95.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Kunsill ghadu mhux f'pozizzjoni li johrog is-sejha ghall-offerti ghall-bejgh tal-garaxx fi Triq il-Gudja. Hekk kif ninghataw indikazzjoni li l-permess biex nibnu garaxx fuq Santu Rokku jista johrog, il-Kunsill ikun jista johrog is-sejha. Min-naha tal-Kunsill qed nistennew il-*clearance* min-naha tal-Lands Authority.

*F'dan l-istadju is-sidien tas-St. Philip's Pharmacy hargu mill-kamra.*

95.6.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba biex il-Kunsill jirrifondi lir-resident l-ammont li jiswa l-fanal ezistenti li hemm fi Triq il-Gibjun. Il-Kunsill ma qabilx u dan minhabba li l-Kunsill diga se jhallas l-ispejjez tax-*shifting.*

95.6.6 Is-Sindku Darren Abela qal li se terga tintbaghat talba ufficjali lil-Lands sabiex tinfetah Triq Wenzu Dalli.

95.6.7 Is-Sindku Darren Abela qal li qed isir ix-xoghol fuq il-fuljett u l-*footage* tal-hidma tal-Kunsill Lokali.

**95.7 Mozzjonijiet**

95.7.1 Annessi mal-Minuti

**95.8 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

95.8.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo rraporta li-Floodlight tat-Turetta ghadu mhux jixghel kif ukoll hemm il-floodlight tal-Monument tal-Helsien.

95.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li fejn il-Monument ta' Zaru, hemm xi sigar mejta biex jinqalghu u jinzerghu xi fjuri. Is-Sindku qal li ghal ftuh tal-Bust li ser isir nhar il-Hadd 5 ta' Mejju, se jkun qed jinqalghu is-sigar, jinzerghu xi fjuri, jinzebah ic-cint u titwahhal l-irhama.

95.8.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn li jsir arblu tad-dawl fiz-zona fejn hemm l-skips. Il-Kunsill qabel.

95.8.4 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li jitnehhew l-iskips ta' Bir id-Deheb minhabba li l-problema taz-zibel qed tkompli tikber. Il-Kunsill qabel li jitnehhew u l-hwienet jinghataw il-possibilita li l-boroz jingabru minn quddiem il-hanut filghodu, filwaqt li l-Kunsill jitlob il-hlas sabiex isir dan il-gbir.

95.8.5 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li fil-Pjazza isir arlogg 3-phase u ma nibqghux napplikaw ghall-permess temporanju minhabba li din is-sena, minkejja li applikajna, dawl min-naha tal-Enemalta ma inghatax. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se ggib stima ta' kemm se jigi jiswa il-*meter*.

**95.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

95.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2019 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 95**

**Mozzjoni Ref:** 95-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 94

**Emanuel Vassallo**
**Proponent**

**Keith Fenech**
**Sekondant**

**Data:** 29 ta' April 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 95**

**Mozzjoni Ref:** 95-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 95

______________________

**Rose Agius**
**Proponent**

______________________

**Keith Fenech**
**Sekondant**

---

**Data:** 29 ta' April 2019

______________________

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**